**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 27 ta' Mejju 2002**

**Pulizija**
**Spettur Morgan Azzopardi**

**Vs**

**George Farrugia**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra George Farrugia ta' 51 sena, bin Spiru u Ludgarda nee' Scicluna, imwieled Zabbar u residenti Flat 1, Blokk 1, Housing Estate, Zabbar, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 867350 (M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, u f'Haz-Zabbar fit-22 ta' Marzu 1999 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, anke fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala l-proprjetarju jew konsumatur tal-fond Flat 1, Blokk 1, Housing Estate, Zabbar b'mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta' ilma tax-xorb minn vit ta' ilma li kien immqabbad direttament mal-mains tal-ilma u li qablu ma' kien hemm l-ebda meter, biex jirregistra l-konsum, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda mhux aktar minn hames mitt lira maltin (Lm500) ghad-dannu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

Wara illi rat l-artikoli 261, 263, 264, 279a, u 283 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imsemmi George Farrugia, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib l-imsemmi imputat, hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, filwaqt li ssibu hati, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li fiz-zmien tlett xhur ihallas l-ammont dovut, a tenur tal-Artikolu 5. Kif ukoll qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien tmintax il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.